

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2021 – FJ et vs SEAE(Kawża T-225/20) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku – Uffiċċjali – Remunerazzjoni – Persunal tas-SEAE ittrasferit f'pajjiż terz – Aġġornament interim tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Effett retroattiv – Ċertezza legali – Dmir ta' premura)

(2022/C 84/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: FJ u s-7 rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-anness għas-sentenza (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spáč, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tar-rendikonti ta' remunerazzjoni tax-xahar ta' Ġunju 2019 tar-rikorrenti sa fejn japplikaw, għall-ewwel darba, il-koeffiċjent ta' korrezzjoni ffissat, b'effett retroattiv, għall-1 ta' Awwissu 2018.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) FJ u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-anness għas-sentenza huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 247, 27.7.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2021 – KS vs Frontex(Kawża T-409/20) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Xoljiment tal-kuntratt – Ksur tar-rabta ta' fiduċja – Artikolu 47(b)(ii) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg – Dritt għal smiegħ – Dmir ta' premura – Talbiet għal assistenza u għal kumpens – Rikors għal annullament u għal kumpens)

(2022/C 84/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: KS (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (rappreżentanti: H. Caniard, S. Drew, W. Szmidt u B. Dukay-Zangrando, aġenti, assistiti minn T. Bontinck, A. Guillerme u L. Burguin, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni ta' Frontex tat-30 ta' Awwissu 2019 intiża għax-xoljiment tal-kuntratt ta' impjeg għal żmien determinat tar-rikorrent u tad-deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2020 dwar każda tat-talbiet ta' assistenza u għall-kumpens ta' dan, u min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu morali li r-rikorrent ġarrab minħabba dan il-fatt.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) tat-13 ta' Frar 2020 hija annullata sa fejn tiċħad it-talba għal assistenza ta' KS.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) KS għandu jbati nofs l-ispejjeż tiegħu.
- 4) Frontex hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs dawk sostnuti minn KS.

(¹) ĠU C 279, 24.8.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2021 – MG vs BEI

(Kawża T-573/20) (¹)

(“Servizz pubbliku – Persunal tal-BEI – Remunerazzjoni – Allowances tal-familja – Riffut li jingħataw l-allowances lill-ġenitur li ma għandux il-kustodja tal-wild – Proċedura ta' konċiljazzjoni – Terminu raġjonevoli – Responsabbiltà”)

(2022/C 84/53)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: MG (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: G. Faedo u K. Carr, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u fuq l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiż, minn naħa, għall-annullament tal-ittri tal-BEI tal-11 ta' Ottubru 2018, tas-7 ta' Jannar 2019 u tat-30 ta' Lulju 2020 li abbażi tagħhom ir-rikorrent ġie mċaħħad mill-benefiċċju tal-allowances tal-familja u mid-drittijiet finanzjarji dderivati u, min-naħa l-oħra, għal kumpens għad-dannu morali li allegatament subiti mir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) huwa kkundannat iħallas is-somma ta' EUR 500 lil MG abbażi tad-danni morali subiti.
- 2) Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.
- 3) MG u l-BEI għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 371, 3.11.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2021 – FZ et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-618/20) (¹)

(Servizz pubbliku – Uffiċjali – Remunerazzjoni – Persunal tal-Kummissjoni ittrasferit f'pajjiż terz – Aġġornament annwali u interim tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni)

(2022/C 84/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: FZ u s-17-il rikorrent l-ieħor li isimhom jinsab fl-anness għas-sentenza (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)